**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR39/VIII/2022**

**Il-Erbgħa, 30 ta' Novembru 2022.**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 30 ta' Novembru 2022, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

Skużat:
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**39.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**39.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru Tabone.

**39.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

39.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 38 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

39.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

39.3.3 Wara li saret korrezzjoni, il-minuti ġew approvati.

**39.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill membri li:-

39.4.1 l-allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2023 ser tkun €666,285.

39.4.2 l-*Police Community Engagment Event* li kellha ssir fi Pjazza Indipendenza, is-Sibt, 22 ta' Novembru, tħassret minħabba l-maltemp u issa ser issir is-Sibt, 3 ta' Diċemru, 2022.

39.4.3 Dwar il-proġett '*New Energy efficient lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo',* LCF/16/2020:-

(i) l-enġiniera tad-dawl bagħtu rapport rigward il-karatteristiċi tad-*diffusers* ċari u matti li jikkonċernaw il-lampi ġodda li saru permezz ta' dan il-proġett. Minn naħa' tal-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) ġie komunikat li din il-materja ġiet diskussa internament wara s-sottomissjonijiet tal-Inġinier minn Galea Curmi. Minn naħa tal-PA ġie mqabbad espert indipendenti. Il-kuntest tal-*funding* tal-Awtorita' wkoll ġie ikkunsidrat. Fid-dawl ta' dan kollu ġie deċiż li l-bqija tal-ħlas isir biss jekk il-fanali jew ikollhom id-*diffuse*r trasparenti (*comfort diffusers*) jew li jitneħħa d-*diffuser* eżistenti. Il-Kunsill jistenna li dan jiġi modifikat minn naħħa tal-kuntrattur;

(ii) tressaq il-kont tal-enġiniera li ħadu ħsieb dan il-proġett. Billi il-kas għadu ma ingħalaqx u għad ma tħallsux il-kontijiet kollha minħabba dak li msemmi qabel, il-membri qablu il dan il-kont għalissa ma jitħallasx u jittieħed il-parir tal-Avukat.

**39.5 Mozzjoni f'isem il-membri**

Tressqet mozzjoni f isem il-membru Michel Buttigieg. Din ġiet issekondata mill-Viċi Sindku.

**Mozzjoni Numuru 13**

**Il-Ġimgħa, 16 ta' Settembru 2022 nzertajt aċċident quddiemi fi Triq Għajn Qatet, eżatt ħdejn in-niċċa tal-Madonna ta' Loretu. Il-każ seħħ meta karozza ġejja mix-Xewkija u riedet tikser għal Triq Ċangar, jiġifieri ridet tikser dik il-kisra kera' u titla' dik id - daqxejn ta' telgħa wieqfa biex tmur fi Triq Ċangar. Ġara li meta l-karozza kienet se tikser bilfors riedet tmur ftit fuq il-linja l-oħra biex iddur. Eżatt dak il-ħin kien ġej mutur mill-faċċata minn Triq Għajn Qatet ħabat *head on* bil-konsegwenza li tal-mutur iddaħħal-l-Isptar Mater Dei u qaluli li kiser ix-xewka ta' dahru u ser jispiċċa pparalizzat.**

**Għalhekk qed nitlob u anke' fuq talba li qaluli residenti stess li raw kollox x'ġara, biex Triq Ċangar tiġi *one way,* jiġifieri min ikun ġej mix-Xewkija ma jistax idur għal Triq Ċangar kif ukoll min ikun ġej minn Triq Għajn Qatet imma toħroġ biss minn Triq Ċangar. Hekk nevitaw aktar aċċidenti koroh.**

Tresqet is-*site plan* tal-Perit fejn turi kif għandu jgħaddi t-traffiku jekk Transport Malta (TM) tapprova din il-*one way*. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM.

**39.6 Mistoqsijiet mill-Kunsillieri**

39.6.1 Il-membri ġew mgħarrfa li nħarġu żewġ offerti:-

- VLC04/2022 – Services – *for the upkeep and maintenance of the Victoria playing field using environmentally friendly measures*, u;

- VLC05/2022 - *Provision of architectural and engineering consultancy services in relation to projects undertaken by the Victoria Local Council*;

**39.7 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

39.7.1 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward l-attivita' 'Rigal b'Imħabba'. Il-membri qablu li jinxtraw ġugarelli sabiex jiġu preżentati mis-Sindku f'Diċembru taħt is-siġra tal-Milied li ssir mill-Ministeru għal Għawdex;

39.7.2 il-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali rigward il-ħarsien u t-trattament xieraq tal-annimali f'avvenimenti lokali;

39.7.3 il-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn intbagħat dokument għad-diskussjoni fir-rigward tar-riforma tal-Kunsilli Lokali;

39.7.4 Reġjun Għawdex rigward għoti ta' ikla tal-Milied għall-persuni partikulari fil-Lokalita';

39.7.5 Reġjun Għawdex rigward SPI/SCI/10/2022 – Skema Latrini Pubbliċi. Il-Kunsill hu nteressat li jidħol f'din l-iskema pero' jibqa' awtonomu u r-responsabilita' tal-operat tal-latrini pubbliċi għandha tibqa' f'idejn il-Kunsill Lokali;

39.7.6 il-*Cultural Heritage Directorate* fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li għal-Milied ser tiżżejjen Triq Palma minn Triq Repubblika sa Pjazza San Franġisk;

39.7.7 is-Segretarju tal-S.K. Victoria Wanderers fejn dan il-klabb tal-futbol talab n-*no objection* tal-Kunsill biex l-art li hemm biswit tal-area fil-playing field ta' Triq taħt Putirjal, fejn ser jinbena l-klabb tiġi devoluta lil dan il-klabb. Il-Kunsill qabel li tinħareġ in-no objection. Waqt li kienet qed tiġi diskussa din il-materja, il-Viċi Sindku ħareġ mill-kamra minħabba kunflitt ta' nteress;

39.7.8 iċ-Chairman tal-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki li rringrazzja lill-Kunsill wara li saret il-wirja tal-vetturi fi Triq Repubblika;

39.7.9 is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Għasri fejn intalbet in-*no objection* tal-Kunsill biex l-isem tat-triq prinċipali li twassal għall-Għasri tissemma Triq l-Għasri. Għandu jintalab indikazzjoni eżatta għall-liema triq qed jirreferu;

39.7.10 Persuni li kitbu sabiex jerġa jeħel l-isem taċ-ċeramika ta' Triq Salvatore Psaila. Dan kien inqala biex tranġa l-post fejn kien imwaħħal l-isem. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li reġa ġie ordnat isem ġdid. F'din il-korrispondenza intalab ukoll sabiex fit-toroq ġodda il hemm wara l-mitħna ta' San Franġisk ħdejn l-isptar tisemma' triq għall-Kirurgu Kalċidon Speranza, (Prokuratur) jew għal Publiu Refalo (Rettur). Il-membri qablu li din il-proposta tiġi mgħoddija lill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex

39.7.11 L-*Assistant Principal* ressqet talba skont PSMC 3.1.9. L-akkumulu ta' 97.50 siegħa *leave* ġie approvat li jiġi mgħoddi għas-sena 2023;

39.7.12 is-Segretarja tal-Victoria Hotspurs FC fir-rigward tas-*sub-metre* li hemm fil-football ground taċ-Ċawla. Il-Ministeru għal Għawdex qed jitlob li dan is-sub-metre jitħarrek minn postu peress li f'din l-*area* ser tinbena blokka appartmenti. Il-konsum jitħallas minn dan il-klabb u l-klabb hu s-sid ta' dan il-*metre*.

39.7.13 persuna li ilmentat li hemm ħofra kbira quddiem 26A, fi Triq Sir Arturo Mercieca. Il-Kunsill ser jagħmel il-*patching* neċessarju;

39.7.14 residenti fi Triq Librerja fejn għadhom iridu risposta fuq tikħil ta' arkata. Il-Kunsill diġa' kien infurmahom li din hi propjeta' tal-Gvern. Il-każ hu magħluq;

39.7.15 sid ta' trakk tat-*take away* fejn talab permess li jopera mill-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*. Għandu jintalab il-qisien ta' dan it-trakk u jekk is-sid għandux il-permessi tal-liċenzi tal-kummerċ;

39.7.16 persuna li lmentat rigward ċitazzjonijiet li jinħarġu fl-akwati tal-Villa Rundle meta jkun hemm attivitajiet f'dan il-ġnien pubbliku;

39.7.17 sid 'Pine Forest' Pjazza l-Assedju t'Għawdex fejn qed jgħid li qed jidħollu l-ilma fil-garaxx. Il-membri qablu li dan qed isir minħabba li qed jinbena post maġenb din id-dar. Għandu jitqabbad il-handy-man tal-Kunsill biex jara l-problema x'inhi;

**39.8 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar – *update***

Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol fir-restawr miexi b'rittmu tajjeb u t-tieni statwa minn taz-zuntier tal-Kunvent ta'Santu Wistin għadha kif tlestiet ukoll.

**39.9 *Updgrade tal-Playing Field* – Triq taħt Putirjal**

Rigwad l-*upgrading* tal-*playing field* is-Sindku għarraf lill-membri li saret *site inspection* fis-6 ta' Ottubru 2022 fejn ġew rappreżentanti ta' Doric Studio, li ħadu l-offerta tad-disinn għal dan l-upgrade. Tressaq il-concept design propost u l-membri qablu miegħu. Doric Studio issa jħejju l-istimi sabiex tinħareġ offerta biex isir ix-xogħol. Il-Kunsill ser japplika wkoll sabiex jakkwista l-fondi mid-*Development Planning Fund* mill-Awtortita' tal-Ippjanar.

**39.10 Proġett Pjazza Santu Wistin**

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jerġa jibda l-proċess sabiex jara fejn kien ħalla l-Kunsill preċedenti fir-rigward tal-proġett ta' pavimentar u dawl ġdid għall-Pjazza Santu Wistin. Il-membri qablu ma' dan u għandha ssir laqgħa mal-Perit sabiex il-Kunsill jirrevedi l-istejjem sabiex tkun tista' tiġi sottomessa talba għall-fondi mid-*Development Planning Fund* u jara sa fejn kien wasal fir-rigward tal-permess minn naħa' tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

**39.11 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

39.11.1 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' għal sena quddiem 29, Triq taħt Putirjal;

39.11.2 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' għal sena quddiem Blokk HB Flat 2, Triq taċ-Ċawla;

39.11.3 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' għal sena quddiem 'Dolce Vita Crt', Flat 3, Triq Għajn Qatet.

39.11.4 TM m'approvatx parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' quddiem 52, Triq taħt Putirjal.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex:-

39.11.5 isir *un/loading bay* li ntalab mill-ħanut 'House of Parties' fi Triq Ġorġ Borġ Olivier,

39.11.6 isiru tabelli ta' *speed limit* fi Triq Mro Dirjano Lanzon qabel tikser għal Triq Patri Manwel Magri;

39.11.7 il-parkeġġ li hemm quddiem 82 fi Triq Santa Marija, jiġi propost li jersaq il-fuq u ma jkunx hemm parkeġġ fuq l-iskrizzjoni li hemm fl-art, taħt in-niċċa ta' Santa Marija;

39.11.8 isiru linji sofor fil-kantunieri ta' Triq Karlu Galea ma' Triq l-Ewropa u jitneħħa l-parkeġġ li sar fi Triq l-Ewropa faċċata ta' Triq Karlu Galea. Dan minħabba li l-vetturi li jkunu ħerġin minn Triq Karlu Galea ma jkunux jistgħu jaraw bil-vetturi pparkjati faċċata.

39.11.9 Dwar r-*road markings* proposti għal Triq Ġorġ Borġ Olivier, TM infurmat lill-Kunsill li l-*un/loading* bays eżistenti huma *communal* u l-Kunsill irid jindika fejn iridhom eżatt meta jsiru r-road markings kif suppost. Il-membri qablu li tintalab lista mingħand TM tal-*un/loading bays* eżistenti u li jitneħħew dawk fejn ma baqax ħwienet li qed jużawhom jew li huma ħwienet magħluqin.

**39.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Novembru 2022 skond dokument A anness.

**39.13 *Performance Bonus***

Il-membri qablu li jingħata l-massimu tal-*performance bonus* lill-ħaddiema tal-Kunsill. Waqt li kienet qed tiġi diskussa din l-*item* s-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mill-kamra.

**39.14 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu:-

39.14.1 mal-verbal u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretrju Eżekuttiv fir-rigward tal-mudell tal-funtana li kienet saret minn John Grima għall-Pjazza San Ġorġ. Il-Kunsill irrilaxxa kull jedd minn fuq dan il-mudell peress li m'għadux interessat li jużaha;

39.14.2 li tiġi sottomessa applikazzjoni mal-PA biex jinżabbru s-siġar ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex u s-siġar tal-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*;

39.14.3 li ma tiġix rilaxxata garanzija bankarja fuq PA/03097/19 peress li wara li raha l-Perit tal-Kunsill jirriżulta li r-rampa ta' quddiem il-garaxx mhix kif suppost peress li mhix kompluta u lanqas tista timxi fuha;

39.14.4 ssir bankina ġdida quddim 74, Triq Wied Seqer;

39.14.5 jinxtara *litter bin* żgħir għal Triq Pama;

39.14.6 l-ikla tal-Milied issir nhar il-Erbgħa, 4 ta' Jannar, 2022.

### 39.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:30 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, 4 ta' Jannaar, 2023.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |